MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 355/2008

**Matthew Mifsud I.D. 532083M**

**Vs**

**Geremia Esposito**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ April 2008 li permezz tieghu l-attur ippremetta illi l-esponenti kien jahdem ma’ l-intimat bhala head chef fir-restaurant tal-intimat li jismu ‘Sottovoce’ f’Marsaskala. Ippremetta illi matul il-2007 l-intimat naqas li jhallas lill-esponent pagi, bonuses u vacation leave skond l-anness dokument (DOk A). Jghid il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ €2862.15, apparti l-ispejjez u l-imghax legali li ghandu jbatihom l-istess konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut li fl-14 ta' Novembru 2009 eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-ammont indikat fl-avviz promotur mhux dovut mill-konvenut lill-istess attur.

Sema` x-xhieda ta' **Connie Attard,** mid-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali li waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 xehdet illi l-attur kien infurmaha illi kien qed jahdem bhala *head chef* fil-perijodu bejn it-23 ta' Dicembru 2006 u t-18 ta' Dicembru 2007 u li kien irrizenja mi-xoghol. Hi tghid li kkalkulatlu kemm ghandu jiehu pagi skond l-informazzjoni li taha l-istess attur. Tikkonferma Dok A gie mahdum minnha. Hija pprezentat ukoll kopji ta' ittri li baghtet lill-konvenut kif ukoll kopja ta' affidavit tal-attur. Hija tghid li s-Sur Esposito baqa` ma kellimiex pero` kien kellem lil xi hadd iehor fl-istess dipartiment.

In kontro-ezami l-istess xhud tghid li hija hadmet il-kalkolu li jinsab fuq Dok A fuq il-kelma u l-affidavit tal-attur ghaliex ma taha ebda payslips jew kuntratt ta' xoghol.

Sema` x-xhieda ta' **Anthony Buttigieg** mid-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali li waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 esebixxa kopja tal-ittra li kien baghat lill-konvenut bit-Taljan (Dok AB1). Ghalkemm kien cempillu diversi drabi, l-konvenut baqa` qatt ma mar ikellmu u fis-7 ta' Lulju 2008 huwa rreferih biex jittiehdu passi kriminali kontra l-konvenut.

In kontro-ezami jghid li fil-file tieghu hemm engagement form ta' l-attur fl-impjieg tieghu mal-konvenut. Il-kalkolu kien sar fuq l-informazzjoni li pprovdilhom l-attur. Lanqas ma jidher li kien hemm kuntratt ta' xoghol formali bejn il-kontendenti pero`lanqas ma kien hemm statement by the employer li huwa obbligat jissottometti wara kull impjieg.

Sema` x-xhieda tal-**attur** li waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 ikkonferma illi kuntratt ta' xoghol qatt ma kien hemm peress illi kien wiehed verbali. Huwa jghid ukoll illi ghalkemm kien talab il-payslips lill-konvenut huwa qatt ma tahomlu. F'sitt pagamenti ta' sitt xhur qatt ma

nghata payslips. Il-ftehim verbali taghhom kien illi jircievi f'idejh mija u ghaxar Liri Maltin fil-gimgha u huwa a bazi ta' dan il-ftehim li ta l-informazzjoni lid-dipartiment. L-attur jghid li l-konvenut suppost li kien ihallaslu taxxa u bolla izda rrizulta li qatt ma thallsu. Il-konvenut kien ihallsu *cash* kull gimgha. Jghid illi bhala regola kien jahdem erbghin siegha fil-gimgha hlief meta kien idahhlu extra fejn kien jahdem iktar. Huwa jikkonferma li ghamel sitt xhur jahdem minghajr ma thallas.

Sema x-xhieda tal-konvenut **Geremia Esposito** li waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2009 xehed bil-lingwa Taljana. Hu ighid illi kien jiggestixxi n-negozju bl-isem ta' Sottovoce sal-bidu tas-sena 2008 u li l-attur kien kok mieghu ghal madwar sena. Jghid illi ma ghandux pendenzi mal-attur peress illi dejjem hallsu "cash" fil-gimgha. Jghid ukoll illi ma ghandux ricevuti x'juri.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut iddefenda l-pretensjoni avvanzata mill-attur biss billi qal illi l-ammont mhux dovut. Fix-xhieda tieghu ighid imbaghad illi dejjem hallas li kellu jhallas u ma fadallu ebda pendenza ma' l-attur. Jghid ukoll pero` illi ma ghandux ricevuti x'juri.

It-Tribunal ihoss illi gja la darba l-konvenut ha t-triq illi jiddikjara illi huwa dejjem hallas lill-attur u *dunque* hallsu anke l-ammont li qed jigi minnu riklamat b'din il-kawza, allura kien l-istess konvenut illi kellu jipprova dan. Dan pero` ma ghamlux.

Minn naha l-ohra, kien ikun desiderabbli immens illi l-provi mressqa mill-attur kienu jkunu aktar konkreti, anke jekk it-Tribunal jifhem illi r-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti kienet wahda ta' ftehim verbali. B'dana kollu, u tenut kont ukoll il-fatt illi kien hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-attur ghamel zmien jahdem fil-lokal gestit

mill-konvenut, it-Tribunal ma jistghax ma jsibx il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur bhala aktar kredibbli minn dik tal-konvenut.

Ghall-finijiet ta’ quantum, ir-rapprezentanti tad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali, ghalkemm kif stqarrew huma, qaghdu fuq l-informazzjoni moghtija lilhom mill-attur, b’dana kollu it-Tribunal ma jarax raguni ghaliex ma ghandux jakkolja is-somma minnhom likwidata – u dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-ammont fil-gimgha illi l-attur ighid illi kien jithallas jew kellu jithallas, ma jidhirx illi huwa kkontestat mill-konvenut.

Fi kwalunkwe kaz, fuq livell ta’ probabbilita`, it-Tribunal isib, mill-provi kollha mressqa, illi l-attur ipprova sodisfacentament il-kaz tieghu kontra l-konvenut.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha migjuba u wara illi sema` l-abbli difensuri tal-partijiet, filwaqt illi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, tmien mija u hamsa u sittin Euro u hmistax il-centezmu (€2865.15) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------